MALTA

ATT Nru. VI ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.

ACT No. VI of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

8 ta' Frar, 1980

ATT Nru. VI ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-Guest Houses u Postijiet Furnished għall-Btala.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att għandu jkollu effett mill-1 ta' Jannar, 1980.

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) l-ewwel proviso li hemm għalih għandu jitħassar; u

(ii) fit-tieni proviso li hemm għalih minflok il-kliem "Iżda wkoll" għandha tidħol il-kelma "Iżda"; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "ta' elf lira".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 354 tas-6 ta' Frar, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati